MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Numru. 432/2005

**Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**
**vs**
**Casey Anthony Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Casey Anthony Vella ta' 18-il sena, iben Carmelo u Rosanna nee' Attard, imwieled fl-14 ta' Mejju,1986 f'Santa Lucija u residenti fil-fond numru 45, Triq il-Prinjoli, Santa Lucija u detentur tal-karta tal-identita' numru 223886(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar 1 ta' Mejju, 2005 ghall-habta tal-hdax u kwart ta' filghaxija f'Bugibba, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna sfregju f'wicc Stephen Sandro Spiteri, liema feriti huma ta' natura gravi hekk kif gie iccertifikat minn Dr. Michael Spiteri M.D.;

2. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel reat kellu fil-pussess tieghu arma irregolari;

3. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin hedded lil Sandro Spiteri b'oggett iebes.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta' Frar 2006 (inserita a fol. 76 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 214 u 218 tal-Kodici Kriminali.
(b) Fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2007, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza;

Il-Prosekuzzzjoni irrimettiet ruhha ghal dak li jirrizulta fl-atti processwali ;

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz odjern jirrigwarda glieda li sehhet fl-1 ta' Mejju 2005 ghall-habta tal-11.15pm, fil-pjazza ta' Bugibba fejn dakinhar kien gie organizzat party fl-imsemmija pjazza. Mill-provi rrizulta li f'din il-glieda wegga kemm il-parti leza Stephen Sandro Spiteri li sofra griehi ta' natura gravi f'wiccu man-naha tax-xellug kif ukoll l-imputat li sofra griehi li gew certifikati bhala ta' natura hafifa u liema griehi kienu jikkonsistu f'zewg gundalli f'rasu, fi hmura f'daru taht l-ispalla u f'lacerazzjoni f'subghajh ta' id il-leminija (certifikati medici relattivi nseriti a fol. 18 u 19 tal-atti processwali).

Mill-provi rrizulta li l-glieda inqalghet bejn zewg klikek ta' zghazagh, il-klikka tal-imputat min-naha l-wahda u l-klikka

tal-parti leza Stephen Sandro Spiteri min-naha l-ohra u rrizulta wkoll li l-glieda origina jew bdiet minhabba tfajla ghaliex jidher li Moira Fenech it-tfajla tal-imputat ftit xhur qabel kienet tohrog ma guvni mill-klikka l-ohra. Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament opposti, min-naha l-wahda, wiehed isib il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-klikka ta’ Stephen Sandro Spiteri (vide xhieda tal-istess Sandro Spiteri a fol. 27, xhieda ta’ Christopher Zammit a fol. 30, xhieda ta’ Dorianne Cassar a fol. 32, xhieda ta’ Jeffrey Fenech a fol. 39 xhieda ta’ Sam Zammit a fol. 41 u xhieda ta’ Carmel Cassar a fol. 43) u min-naha l-ohra ghandek il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat li rrilaxxja stqarrija dettaljata (nserita a fol. 15 sa 17 tal-process) liema stqarrija giet konfermata mill-imputat fl-interita’ taghha meta huwa xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta’ Lulju 2010 u liema verzjoni giet korroborata minn Moira Fenech (traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 34), kif ukoll minn Clifton Camilleri (traskrizzjoni relattiva nserita a fol. 48 u minn Silvio Scerri (traskrizzjoni tax-xhieda nserita a fol 54), u cioe’ l-persuni li kienu fil-kumpanija tal-imputat. Stephen Sandro Spiteri jallega li l-glieda bdiet bejn Casey Vella u Jeffrey Fenech u meta huwa mar sabiex iferraqhom Casey Vella beda jheddu li ser joqtlu u tah daqqa ta’ flixkun u laqtu fuq in-naha tax-xellug ta’ wiccu fejn ghajnejh u fil-pront sema’ lil xi hadd jghid lil Casey Vella l-kliem ‘oqtlu oqtlu’ u huwa mbaghad ra lil-imputat johrog mus u jipprova jolqtu bih f’zaqqu sabiex imbaghad spicca laqtu bl-istess mus bi sbrixx f’daru. Il-persuni l-ohra formanti parti mill-klikka ta’ Stephen Sandro Spiteri lkoll qalu li raw lill-imputat jaghti daqqa ta’ flixkun f’rasu lil Spiteri izda l-Qorti setghat tikkonstata kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza li dawn ix-xhieda kienu pjuttost selettivi f’dak li qalu ghaliex ghalkemm xhieda ohra ghal kollox estraneji ghall-glieda, bhal l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Cassar (traskrizzjoni tax-xhieda nserita a fol. 12 tal-atti processwali) u PS 559 Jason Spiteri (traskrizzjoni tax-xhieda nserita a fol. 66) ikkonfermaw li raw glieda kbira b’diversi nies involuti, dawn il-hekk imsejha membri tal-klikka ta’ Sandro Spiteri naqsu milli jindikaw li kien hemm din il-glieda kbira u ghazlu li jghidu biss li raw lill-imputat jaghti d-daqqa tal-

flixkun f'ras Spiteri. L-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata min-naha l-ohra jispjega b'mod dettaljat kif f'dik il-lejla il-klikka ta' Sandro Spiteri kienu ilhom sa mill-bidu nett jipprovokaw lilu u lil shabu u jghidu li malli spicca l-party hu u shabu kienu ser jitilqu sabiex imorru jieklu xi haga meta malli nizlu l-bankina hareg Jeffrey Fenech li beda' jipprova jzommu minn idejh Sam Zammit u dan Fenech beda' jghidlu "hallini halli mmur naghtihom". L-imputat kompla jghid li meta huma waslu lejn nofs il-pjazza mar fuqu Stephen Sandro Spiteri li beda' jghajru u jghidlu li kien ha n-nisa ta' haddiehor u huwa (Spiteri) kellu flixkun f'idejh li beda' jipponta lejh. Dak il-hin gie barman mill-bar fejn kienu u qal lill-imputat u lil Sandro Spiteri sabiex ma jaqilghux inkwiet u l-imputat sostna li huwa dawwar denbu u telaq l'hemm izda malli ghamel hekk ra lil certa Dorianne li kienet tfajla fil-klikka ta' Spiteri qed taqbad lit-tfajla tieghu Moira Fenech minn xagharha u ra lil Christopher Zammit hdejhom u huwa ghalhekk mar sabiex jiddefendi lit-tfajla tieghu u jifridhom u malli ghamel hekk safa' mdawwar minn Spiteri u mill-guvintur l-ohra tal-klikka tieghu u Sandro Spiteri tah daqqa ta' flixkun f'rasu u huwa ddefenda lilu nnifsu u tah lura daqqa ta' ponn f'wiccu bil-flixkun f'idu u spicca sabiex laqtu b'idu u Sandro spicca sabiex waqa' mal-art. L-imputat qal ukoll li dak il-hin huwa kien imwerwer u mbezza' u beda' jaqla d-daqqiet minn kullimkien u spicca sabiex waqa' fuq Spiteri li kien mal-art u meta rnexxielu jqum huwa sab Pulizija u talbu jghinu u dan il-Pulizija hadu hdejn il-Bank sabiex jikkuralu subghajh u mbaghad mar l-Ghassa jaghmel rapport.

Ikkunsidrat:

Illi fic-charge sheet permezz tal-ewwel(1) akkuza l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna griehi ta' natura gravi, kif ukoll talli fil-mument li kien qed jikkommetti reat kellu fil-pussess tieghu arma regolari u anki talli hedded lil Sandro Spiteri b'oggett iebes. In kwantu jirrigwarda t-tielet(3) akkuza li hija wahda kontravenzjonali u tirrigwarda l-kontravenzjoni ndikata fl-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali d-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni trimestrali. Mir-riferta esebita a fol. 20 tal-process jirrizulta li l-imputat gie

notifikat fid-29 ta' Settembru 2005 u stante li l-incident mertu ta din il-kawza sehh fl-1 ta' Mejju 2005 jidher li effettivament it-tielet(3) akkuza hija fil-fatt preskritta bil-preskrizzjoni trimestrali indikata fl-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti sejra ghalhekk tiddikjara t-tielet(3) akkuza bhala preskritta u konsegwentement estinta.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda t-tieni(2) akkuza li permezz taghha l-imputat jinsab akkuzat li waqt il-kummissjoni tar-reat huwa kellu fil-pussess tieghu arma regolari kif ukoll ben tajjeb irrilevat id-Difiza l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu naqas milli jindika l-artikolu tal-ligi riferibbli ghal din l-akkuza u ghalhekk din il-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni tal-istess akkuza.
Ikkunsidrat:

Il-Qorti ghalhekk jibqalha sabiex tikkunsidra l-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u cioe' dik li huwa minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-perikolu kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stephen Sandro Spiteri. L-imputat in kwantu jirrigwarda din l-akkuza qed jissolleva d-Difiza tal-legittima difesa u qed jinvoka l-applikabblita' tal-Artikoli 223 u 227 tal-Kodici Kriminali stante li ghalkemm huwa jammetti li ta daqqa ta' ponn bl-id li fiha kellu flixkun lil Sandro Spiteri u laqtu f'wiccu huwa jsostni li ghamel hekk sabiex jiddefendi lilu nnifsu meta kien ghadu kif appena qala' daqqa ta' flixkun f'rasu minn Spiteri u ghaliex kien qed jaqla' daqqiet minn kull naha minghand shab l-istess Spiteri.

In tema ta' legittima difesa din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f'sentenza tas-26 ta' Awwissu 1998 fil-kawza fl-ismijiet 'Puliziija vs Augusto Auguliaro fejn il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:-

"Mhux kull min "jagixxi bien jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka l-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar il-"<u>bzonn attwali</u> tad-difiza <u>legittima"</u> ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-

dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita' jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan jista' <u>b' mod ragonevoli</u> jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku."

Fl-imsemmija sentenza saret ukoll referenza ghal dak li qal Lord Justice Widgery fil-kawza 'R vs Julien (1969) WLR 839:

"It is not …the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. Mc Hale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporize and disengage and perhaps to make some physical withdrawal, and that that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge of something less serious" (fol.843);

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa agixxa in legittima difesa u li meta huwa ta d-daqqa ta' ponn fejn spicca sabiex laqat lil Spiteri f'wiccu dan kien att istantanju fejn huwa ta d-daqqa ta' ponn sabiex jimbotta lil Spiteri li kien ghadu kemm tah id-daqqa ta' ponn f'rasu bil-flixkun li huwa kellu f'idejh. Il-Qorti qed taghzel li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat mhux biss ghaliex huwa ta rendikont dettaljat u preciz ta' dak li gara izda anki ghaliex dak li qal huwa korroborat kemm minn xhieda ohra kif ukoll mill-fatt li mill-provi rrizulta li huwa effettivament kellu griehi f'rasu u f'subghajh ta' idu l-leminija, d-daqqiet ta' rasu li gew kagunati bid-daqqa ta' flixkun li qala' minghand Spiteri u l-lacerazzjoni f' subghajh meta huwa rrejagixxa u ta d-daqqa lill-istess Spiteri. Inoltre kif diga' gie rilevat fil-paragrafi precedenti l-mod ghal kollox selettiv li bih xehdu Sandro Spiteri u hbiebu gieghel lil Qorti tiddubita serjament mill-verzjoni taghhom. Il-Qorti jidrilha li mill-

provi rrizulta li l-imputat ghalkemm kien ilu jigi provokat tul is-serata ma rrejagixxiex ghal provokazzjonijiet maghmula minn Spiteri u shabu u li huwa ghamel dak li seta sabiex jevita l-glieda u fil-fatt malli rnexxielu jqum fuq saqajgh ma kompliex jiggieled izda mar ifittex l-ghajnuna minghand il-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni(2) akkuza u wara li rat l-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-Difiza in kwantu jirrigwarda t-tielet(3) akkuza u konsegwentement tiddikjara din l-akkuza bhala preskritta u konsegwentement estinta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------